# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**ILLUM 7 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru. 46.**
**Citazz. Nru. 1708/00 JRM**

**Frances NAPIER**

**vs**

**Emanuel GALEA.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni ppresentat fis-16 t'Awissu, 2000, li bih l-attrici premettiet:

Illi b'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-14 ta' Gunju 1983 (Citazz. Nru. 986/82 CS) il-konvenut, li huwa l-proprjetarju tal-fond Nru. 34, Triq San Leonardu Kirkop, gie ordnat jaghlaq it-tieqa li kien fetah b'mod illegali u abbuziv ghal gol-fond ufficjalment immarkat bin-Nru. 9 fi Triq il-Hawh Kirkop gia numru 4, fi Sqaq Nru. 1, fi Triq San Anarad Kirkop, proprjeta' tal-attrici, fi zmien tlett gimghat mill-ghoti tas-sentenza bl-ispejjez

a karigu tieghu u li kopja taghha qeghda hawn tigi annessa u markata bhala Dok A;

Illi l-konvenut kien debitament esegwixxa dak ordnat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili u effettivament ghalaq it-tieqa minnu hekk miftuha kif ordnat;

Illi f'dawn l-ahhar granet il-konvenut, illegalment u abbuzivament, rega' fetah, ghal gol-fond proprjeta' ta' l-attrici, l-istess tieqa mertu tas-sentenza aktar 'il fuq precitata;

Illi l-attrici mmedjatament li saret taf b'dan interpellat lill-konvenut permezz ta' ittra ufficjali, li kopja taghha qeghda hawn tigi annessa u markata bhala Dok B, sabiex jaghlaq l-istess tieqa;

Illi l-agir tal-konvenut qieghed jikkaguna nkonvenjent serju lill-attrici u di pui jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li bl-agir tieghu l-konvenut rrenda ruhu hati ta' disprezz lejn l-Awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti u filwaqt li jigi ordnat jghalaq it-tieqa li huwa rega' fetah kif aktar 'il fuq indikat, jigu applikati kontra tieghu s-sanzjonijiet skond il-ligi;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tx-xiehda tal-attrici flimkien maz-zewg (2) dokumenti hemmhekk mehmuza;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-25 t'Ottubru, 2000, li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talba ta' l-attrici ghandha tigi respinta peress illi l-konvenut segwa u esegwixxa l-ordni tal-Qorti Civili ta' l-14 ta' Gunju 1983 (Cit. Nru. 986/82 CS) billi ghalaq it-tieqa in kwistjoni kif konfermat mill-istess attrici fl-att minnha intavolata fit-tieni premessa;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talba attrici hija nulla u kwindi bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi, peress illi ghall-allegat disprezz tal-Qorti, il-ligi tikkontempla procedura diversa (rikors);

3. Illi ghalhekk l-azzjoni proposta mhiex sostenibbli peress illi l-agir minnu ilmentat jirrikjedi proceduri differenti;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghal premess, l-attur mhuwiex awtorizzat mil-ligi biex iharrek lill-konvenut abbazi ta' disprezz tal-awtorita' tal-Qorti. Spetta ghar-Registratur tal-Qorti tal-Gustizzja jaghmel dan;

5. Illi l-fond in kwistjoni huwa proprjeta ta' Emmanuel Galea u martu Doris Galea konguntivament, u ghalhekk kellha titharrek ukoll l-imsemmija Doris Galea;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-konvenut, flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-konvenut imressqa fil-15 ta' Dicembru, 2000 (pagni 26 sa 27 tal-process) dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet relattivi ghat-tieni eccezzjoni mtellgha mill-konvenut, jigifieri dik dwar l-irritwalita' tal-azzjoni minhabba nuqqas ta' harsien tal-forma tal-att promotur;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tal-25 ta' Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

## *Ikkunsidrat:*

L-eccezzjoni preliminari mtellgha mill-konvenut tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 789(1)© u l-artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi qieghed jinghad li l-att li bih inbdew dawn il-proceduri - jigifieri, permezz ta' Citazzjoni - ma kienx l-att li l-ligi tghid li ghandu jsir taht din il-procedura specjali. L-imharrek izid jghid li l-procedura xierqa kellha ssir b'rikors;

Illi l-konvenut jghid li ladarba l-attrici qeghda tghid li huwa rrenda ruhu hati ta' disprezz tal-Qorti bi ksur ta' dak li kienet ipprovdiet din il-Qorti b'sentenza taghha tal-14 ta' Gunju, 1983, kull ilment li messu tressaq ried isir b'Rikors;

Illi biex iseddaq din il-fehma, il-konvenut jghid li l-ligi (fit-taqsima li titkellem dwar ir-Rispett li ghandu jingieb lill-Qorti, Titolu XVII tal-Kap 12) mkien ma tghid li l-proceduri li jistghu jittiehdu ghandhom ikunu b'Citazzjoni, u minn hekk isegwi li l-procedura xierqa hija b'Rikors;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u dan ghal zewg ragunijiet ewlenin: fl-ewwel lok, ghaliex l-azzjoni m'hijiex wahda taht it-Titolu XVII tal-Kodici tal-Procedura esklussivament, billi t-talba attrici tikkontempla l-infurzar jew esekuzzjoni tal-ordni moghtija minn din il-Qorti bis-sentenza taghha tal-14 ta' Gunju, 1983, fuq imsemmija; u, fit-tieni lok, billi fit-Titolu msemmi mill-

imharrek, il-ligi lanqas ma tghid li l-procedura ghandha tkun b'Rikors;

Illi jibqa' dejjem il-principju li, il-procediment ordinarju quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri jitmexxa bil-mezz tac-Citazzjoni [ara art. 161(1) tal-Kap 12];

Illi, minbarra dan, l-artikolu 164(2) tal-istess Kodici jghid li ma jkun hemm l-ebda nullita' jekk kemm-il darba kawza li jmissha tingieb b'rikors, minflok titmexxa 'l quddiem b'Citazzjoni. Min-naha l-ohra, jekk att suppost tmexxa b'Citazzjoni u, minflok, jitmexxa b'rikors, ikun hemm nullita' [art. 164(1)];

Fuq kollox, biex att gudizzjarju jigi meqjus null taht id-disposizzjonijiet tal-paragrafu © tal-artikolu 789(1) tal- Kodici tal-Procedura, il-ksur tal-forma tal-att irid ikun gab lill-parti li tressaq l-eccezzjoni tan-nullita' ta' dak l-att pregudizzju li ma jistax jissewwa xort'ohra ghajr bit-thassir ta' dak l-att. Fil-kaz partikolari, il-konvenut ma weriex li l-allegata nullita' tal-forma tat-talba tal-attrici qeghda tohloqlu pregudizzju li ma jistax jissewwa jew jigi meghlub. Ghall-kuntrarju, l-istess konvenut ressaq eccezzjonijiet fil-mertu li juru li d-difizi tieghu f'dawn il-proceduri jinstabu f'ghejjun ohra mhux marbuta mal-forma tal-procedura uzata mill-attrici;

Illi, minhabba li l-esekuzzjoni mitluba mill-attrici ghandha tabilfors issir bil-mezz tal-procedura ordinarja li ssir quddiem din il-Qorti, anke kieku l-procedura xierqa ghal dikjarazzjoni ta' disprezz kellha tkun bil-mezz tar-Rikors, xorta wahda l- att opportun messu jkun l-att tac-Citazzjoni, kif fil-fatt l-attrici ghamlet. Dan jinghad ghaliex, b'zieda ma' dak li nghad aktar 'il fuq, m'huwiex koncepibbli li, f'azzjoni wahda fejn uhud mit-talbiet jistghu jsiru b'rikors u ohrajn isiru b'Citazzjoni, min jiftah il-kawza jkollu jibda izjed minn procedura wahda b'forom differenti: l-ghaqal u l-ekonomija jindikaw li dawn kollha jistghu jinbdew bil-procedura ordinarja;

Din kienet ukoll il-fehma ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) f'kaz fejn ukoll iddecidiet eccezzjoni bhal din fis-sens li cahditha

[ara sentenza tal-Prim'Awla (AJM) tat-**18 t'Ottubru, 1999**, fil kawza fl-ismijiet General Workers' Union vs Malta International Airport p.l.c. et];

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it- tieni eccezzjoni tal-konvenut billi m'hix misthoqqa u lanqas imsejsa fil-ligi.

U tordna li l-kawza tissokta tinstama' fil-mertu.

L-ispejjez jibqghu ghad-decizjoni ahharija.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Marzu, 2001.**